MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 716/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nezren Grixti]**

**vs**

**Burema Sidibe u**
**Dasina Brayou**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Burema Sidibe detentur tal-Police Boat Number 08VV18, u Dasina Brayou detentur tal-Police Boat Number 08 II – 025.
Akkuzati talli:
Fit-12 ta’ Lulju 2010, f’dawn il-gzejjer, ghamlu delitt billi imbarkaw minn Malta minghajr ma kellhom passaport u minghajr ma taw lill-Ufficjal Principal tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jidhrilu xieraq u

mehtieg u dan bi ksur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-ezamijiet tal-imputati li wiegbu hajta ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom u kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom.

Ghal dawn il-motivi, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tikkudnannahom (xahrejn) tmien (8) gimghat prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------